MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 769/2002/1

**Marmista Limited**
**Vs**
**John Spiteri Debono**

**It-Tribunal**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fit-2 t'April, 2002, fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u erbgha u erbghin lira Maltija (LM644.00) rapprezentanti bilanc fuq xoghol ta' materjal ta' l-irham, kif ukoll biljett ta' l-ajru ghal Carrara fl-Italja, imhallas mis-socjeta' attrici ghall-konvenut sabiex dan ta' l-ahhar seta jara l-irham in kwistjoni qabel dan ma ntbaghat hawn Malta.**

**Annesssa wkoll ittra datata 6 ta' Marzu, 2002, li fiha jidhru l-ammonti fuq imsemmija – immarkata Dok A.**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fit-30 t'April, 2002, fejn intqal illi l-azzjoni attrici hija intempestiva stante illi ghad baqa' ammont ta' materjal ta' rham li ghadu ma giex ikkonsenjat lill-konvenut.**

**Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-azzjoni attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici mhuwiex dovut kif ser jigi ampjament pruvat waqt il-mori tal-kawza.**

**Salv eccezzjonijiet ohra u b'rizerva ghal kull azzjoni spettanti lill-konvenut kontra s-socjeta' attrici.**

**Sema x-xhieda w ezamina d-dokumenti**

**Ikkunsidra**

**Illi huwa lampanti d-diferenza tal-versjonijiet tal-kontendenti. Hemm qbil unikament fuq il-kwantita u il-prezz taghha. Ix-xhud Charles Galea prodott mis-socjeta' attrici kkonferma aktar parti mill-versjoni tal-konvenut milli dik tas-socjeta' attrici. Difatti, kien hu li baghtu ghand l-attur- qatt ma kkumpanjah u qatta' l-irham hu, ghax dak kien il-ftehim. Ma ndahlux fin-negozju bejniethom. It-Tribunal jirrileva li, kif solitament jissuccjedi, konkluzjoni ta' ftehim simili ma tigix redatta kif miktub, aktar u aktar meta jsiru xi kambjamenti. Veru li fil-hajja gornaliera kummercjali hekk issir izda din il-kultura hemm bzonn tinbidel biex ma jigux krejata divergenzi simili u inutili- 'patti chiari amicizia lunga.'**

**Illi l-ftehim kien li l-irham jigi maqtugh u format ghand il-konvenut bi prezz fiss. Ma kellux ghalfejn joqghod jipprovdi it-trasport lura.**

**Ma gietx prodotta l-ebda prova dwar dan u wisq anqas merzjonata mill-konsulent Joseph Azzopardi in kontro-ezami. Veru li ma giex iffissat terminu perentorju ta' konsenja pero' il-konvenut ma jistax jippretendi li jhalli l-irham ghand Charles Galea u ma**

**jhallasx lis-socjeta' attrici, wara kollox dan imur kontra il-ftehim milhuq fis-7 ta' April, 2000.**

**Di fatti la nghatat eccezzjoni u wisq anqas saret il-kontrotalba.**

**Dwar il-fattura numru 000192 fl-ammont ta' mitejn u tnejn u sebghin Lira Maltija (Lm272.00)- il-konvenut ma jikkontestax li hu dovut ammont, izda l-quantum. Hu jallega, mitejn Lira Maltija (Lm200.00) pero' ma giex prodott xejn in sostenn ta' l-allegazzjoni tieghu.**

**Dwar is-somma ta' mija u tnejn u tletin Lira Maltija (Lm132.00) bhala prezz tal-biljett ta' l-ajru, il-konvenut ghandu ragun ma jhallsux. Kien Joseph Azzopardi stess li staqsih biex immur mieghu u normalment hekk issir. Kien fl-interess tieghu li in- negozju jsehh ghax kienet blokka sostanzjali.**

**It-Tribunal inaqqas, in vista tas-suespost is-somma ta' mija u tlieta u ghoxrin Lira Maltija (Lm132.00) mis-somma mitluba dan pero' ghandu jiehu l-irham minghand Galea.**

**Jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-konvenut u jilqa' t-talbiet attrici limitatament is-somma ta' hames mija u tnejn u sebghin Lira Maltija (Lm572.00) bl-interessi mid-data tas-sentenza, u in vista tac-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjes tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------